MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta ta' l-1 ta' April, 2009

Talba Numru. 65/2009

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**vs**

**Jonathan Pace**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' erba' mija u tmienja u ghoxrin Euro u erbgha u sebghin centezmu (€428.74), rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract Number 1588 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhur ta' bejn is-sena 2007 u s-sena 2008.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' Ottubru, 2008, dawk tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment ma dana l-att, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut illi huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-atti tal-kawza u sema' lil Dr. Robert Tufigno li konferma li l-ammont ghadu dovut;
Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' erba' mija u tmienja u ghoxrin Euro u erbgha u sebghin centezmu (€428.74), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------